## Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?

**Kien is-Sibt, u jiena, ħuti u l-ġenituri tiegħi konna lestejna kollox biex immorru nqattgħu ġurnata ta' mistrieħ fil-kampanja.**

**Konna ilna ħafna nistennew dan il-jum iżda ġara li hekk kif konna ħerġin bdiet nieżla x-xita. Kulħadd kien bil-geddum għall-ewwel għax kollox kien sfratta iżda kulħadd sab x'jagħmel. Minflok jum ta' mistrieħ is-Sibt inbidel f'jum ta' ħidma.**

**Missieri beda xogħlu fuq dar ta' l-injam għal Żepp, il-kelb tagħna, għax li kellu kienet żgħira għalih. Missieri ġab l-injam, qatgħu fi strixxi wiesgħa u beda jagħmel din id-dar għal Żepp. Meta kienet lesta żebagħha u żejjinha b'xi żigarella. Sadattant lill-kelb daħħalniex ġewwa, intefa' fuq it-tapit u raqad.**

**Jiena, oħti, ħija u ommi qlajna qalgħa d-dar minn fuq s'isfel. L-ewwel farfarna u naddafna l-kmamar kollha u wara l-kurituri. Ommi bdiet taħsel il-kmamar filwaqt li jiena u ħuti tfajna ftit ilma fil-kurituri u qgħadna nċafalsu fih. Konna qisna fil-ġenna ta' l-art f'dak l-ilma.**

**F'daqqa waħda faqqgħet sajjetta u ħija tant ħa qatgħa kbira li waqa' u weġġa' dahru. Għalhekk, b'galbu kbir u bil-mod ħafna**

**poġġejnieh fuq is-sufan. Ma domniex ma smajnieh jonħor. Sadattant kien qed joqrob nofs inhar u żaqq kulħadd bdiet tgerger. Wara li lestiet l-art ta' kullimkien ommi bdiet issajjar xi ħaġa.**

**Qliet fenek u tgħidx kemm ġiena tajjeb. Id-dar tal-kelb kien fadlilha ftit ieħor biex tkun lesta u għalhekk jien u oħti komplejna ngħinu lil missieri. Ommi daħlet tistrieħ ftit għax kienet xogħol ta' bil-lejl, u l-istess għamel missieri hekk kif spiċċajna d-dar ta' Żepp. Ħija u l-kelb baqgħu reqdin imma jien u oħti ma kellna l-ebda sinjal ta' ngħas u qgħadna nagħqdu 'jigsaw puzzle' kbira.**

**Għalkemm sfrattajna l-jum fil-kampanja xorta waħda ħadt gost ngħin fix-xogħol tad-dar u kieku tafu kemm irqadt fil-fond bil-lejl!!**

---